qilhom qima u ġieh. Dawn l-esibizzjonijiet jiswew ukoll biex iqajmu pika bejn l-artisti u għira għax-xogħol tagħhom ħalli aktar iħabirku biex iwettqu xogħlijiet dejjem aqwa u aħjar.

Barra l-esibizzjonijiet ta' xogħlijiet ta' artisti, wieħed jista' jikseb ġid ukoll jekk issir wirja ta' opri jew xogħlijiet artistiċi merfugħin fi stabbilimenti tal-Gvern bħalma huma l-Mużew jew il-Bibljoteka, jew f'xi ġabriet oħra. Kif kulħadd jaf fil-Mużew u fil-Bibljoteka hemm opri ta' ġmiel kbir li jqajmu ammirazzjoni f'kull min jarahom, iżda sfortunatament ftit wisq huma dawk in-nies li jħabblu moħhom biex imorru minn rajhom ħalli jitgħaxxqu b'dawk l-opri li jiswew eluf ta' liri u li jgħaġġbu lill-barranin bis-sbuħija tagħhom. Ħafna drabi wkoll dawk li jmorru jżuru l-Mużew jew il-Bibljoteka ma jkollhomx iż-żmien jaraw kollox u hekk għandhom mnejn iħallu bla ma jaraw l-aħjar; jew jista' jiġri wkoll li ma jkunux jafu fejn iħarsu biex jaraw l-isbaħ u l-aħjar oġġetti, għalhekk joħorġu berdin u bla ħrara ta' xejn.

Kieku l-awtoritajiet kultant jagħżlu xi ftit mill-opri sbieħ li hemm maħżunin u jirranġawhom f'wirja għalihom, kieku l-poplu aktar jinteressa ruħu għax kulħadd jitħajjar imur jara esibizzjonijiet żgħar ta' opri kbar, l-aktar jekk ikun hemm min ifissirlu bil-kliem jew bil-miktub dwar dawk l-opri esibiti. Hekk f'qasir żmien wieħed ikun jista' jistgħall il-fjur tal-ġabriet merfugħin fil-Mużew, fil-Bibljoteka jew fi bnadijiet oħra.

La darba l-poplu jagħraf l-opri ta' l-arti li jżejnulu 'l pajjiżu, hu aktar jibda jistmahom u jistgħallhom, jibda jqim l-arti u jirrispetta l-artisti u hekk igħin biex igħolli klassi li jistħoqqilha ġieh u stima min-nazzjon.

---

## IT-TIELET XANDIRA AKKADEMIKA TAL-"GĦAQDA"

Dawn ix-xandiriet qed jingħoġbu ħafna, u ħafna nies kellmuna biex jifirħulna. Aħna tal-"Għaqda" min-naħa tagħna nħossu soddisfazzjon meta nies li kemm kemm jafu li teżisti l-"Għaqda", avvolja ilha tgħix mas-sitta u għoxrin sena, qegħdin issa jinteressaw ruħhom fil-ħidma tagħha.

It-tielet xandira tagħna saret fil-10 ta' Jannar, 1951, u ħadu sehem fiha dawn il-Membri akkademiċi :



*Patri Valentin Barbara, O.P.* li qara l-poeżija "Lill-Kewkba Żahrija".

*Dun Frans Camilleri* li qara poeżija oħra jisimha "...U l-Art Titkellem".

*Godfrey Zarb Adami* li qara studju storiku jismu "Il-Ħajja kulturali fi żmienna".

*It-Tabib Manwel Agius, M.D., B.Sc., D.P.H., D.Bact.,* li qara poeżija jisimha "Atomi u nies".

Dawn il-Membri akkademiċi ġew introdotti lis-semmiegħa minn Ivo Muscat-Azzopardi li ta wkoll fil-qosor xi dettalji fuq l-attivitajiet tagħhom.

Dawk il-Membri li s'issa għadhom ma xandrux bċejjeċ tagħhom u jixtiequ jieħdu sehem f'dawn ix-xandiriet ta' l-akbar fejda għall-isem tal-"Għaqda" u għal-letteratura Maltija, huma mitlubin biex jiktbu mill-iżjed fis lil Ivo Muscat-Azzopardi biex fosthom jingħażlu l-ħames membri li sa jxandru bċejjeċ ġodda fir-raba' xandira akkademika.

---

## ATOMI U NIES

*Ta'* Dr. E. Agius

Darba filosfu fil-Greċja qadima,
Qalb l-għelieqi ta' l-asfodel, bil-ħlewwa
Qalu l-atomi kienu fantażija,
Li l-atomi jeżistu—u kien qal sewwa.
Warajh oħrajn ħasbu li din ħmerija,
U b'loġika wisq fina u għerf imkejjel
Qalu l-atomi kienu fantasija.
U għal ħafna sekli hekk għallmu l-iskejjel.
Dalton, bniedem wisq kwiet iżda ta' ħila,
Sab illi l-Griegi kienu qalu s-sewwa.
Rutherford l-atmu qasam, biċċa tqila,
Bla ħsieb li dan qatt jista' jkun ta' dnewwa.
U minn din l-innoċenza bomba ħarġet
Li triq l-istorja f'daqqa waħda għawġet.

14. 11. 50.